

# Il-Knisja ta' Ħal Lija u l-arti tagħha

**Chev. Mario Coleiro O.S.J.**

Bħal kull knisja parrokkjali oħra f'pajjiżna, il-Knisja tas-Salvatur ta' Ħal Lija hija mżejna b'bosta opri artistiċi li akkumolat fiha mal-mogħdija taż-żmien. Ħafna minn dawn l-opri jirriflettu l-imħabba u d-devozzjoni li l-poplu ta' Ħal Lija minn dejjem kellu lejn Ġesù Salvatur u l-knisja Tiegħu. Ħaġa impressjonanti hija n-numru ta' ismijiet ta' artisti magħrufa li ħadmu xogħol f'din il-knisja. Xogħolhom jinsab kollu kustodit b'għożża kbira fil-knisja li jagħmilha post tassew interessanti u ta' valur artistiku. Il-binja tal-knisja nnifisha hija opra ta' arti fl-arkitettura. Din inbniet fis-seklu sbatax fuq il-pjanta ta' **Giovanni Barbara** meta l-Barokk kien fl-aqwa tiegħu f'pajjiżna. Fiha naraw simetrija u tqassim perfett. Il-kwadru titulari huwa biċċa xogħol tajba ħafna tal-pittur Kalabriż **Mattia Preti**. Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju huwa xogħol ta' **Alessio Erardi**, filwaqt li **Ġużeppi Hyzler** pitter il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. **Francesco Zahra** pitter is-sotto kwadru tal-Anġlu Kustodju li jinsab fuq l-artal tar-Rużarju. Il-kwadru tal-Kurċifiss tpitter minn **Ġużeppi Calì** fil-1891, li pitter ukoll il-kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Dan pitter ukoll il-koppla u s-soqfa tal-knisja. Il-kwadru devot ta' San Bastjan u San Rokku tpitter minn **Ġużeppi D'Arena** fil-1710 u sewa s-somma ta' 45 skud. Insibu wkoll il-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura li tpitter minn **Ġużeppi Calleja**. Żewġ kwadri oħra żgħar, iżda li huma tajbin ferm, juru lil San Ġwann l-Evanġelista u lil San Ġwann ta' Alla. Dawn tpittru mill-pittur **Antoine Favray.** Kwadru ieħor li ħareġ mill-idejn ta' pittur magħruf huwa l-kwadru ta' San Alfons li tpitter fil-1877 minn **Lazzru Pisani.** L-apside tal-kor tal-knisja hija meqjusa bħala waħda mill-aqwa xogħlijiet tal-pittur **Ignazio Cortis** li ħadima bħala affresk fil-1873. L-istess pittur pitter ukoll l-apside tal-kappeluni. Fl-oratorju nsibu kwadru li juri l-qawmien mill-mewt ta' Lazzru li huwa xogħol ta' **Stefano Erardi.** Fis-sagristija nsibu numru ta' kwadri li juru lil diversi kappillani, wieħed minnhom dak tal-Kappillan Dun Karm Lia, u dan tpitter mill-pittur **Rafel Bonnici Calì.** Il-kwadru ta' Mons. Angelo Fenech tpitter minn **Aldo Micallef Grimaud** fl-1962. Artisti oħra



*Giovanni Barbara, l-Arkitett tal-knisja parrokkjali*

ħadmu xogħol f'diversi oqsma ta' l-arti bħal ngħidu aħna l-iskultura u x-xogħol ta' statwarji bħal **Karlu Darmanin** li fl-1864 ħadem il-vara titulari tas-Salvatur li hija meqjusa bħala l-kapolavur tiegħu. Mastru **Vincenzo Vassallo** ħadem il-bradella u l-bankun tal-vara fl-1926 fuq disinn tal-Perit **Alfredo Zammit** li kien minn Ħal Lija stess. **Pawlu Dimech** iddisinja t-tużell tal-knisja, filwaqt li **Pietro Scotti** kien l-arġentier li fil-1719 ħadem l-isfera artistika li tintuża fil-festi f'din il-knisja. Is-sedji tal-kor huma biċċa xogħol tajba ħafna u meqjusa fost l-aħjar li nsibu f'Malta. Dawn saru fuq disinn ta' **Pietru Pawl Troisi** fl-1728. Fuq insibu gallarija sabiħa ta' l-injam maħduma fuq disinn ta' Mastru **Nazju Portelli.** Il-marmista **Mikiel Buhagiar** kesa l-art tal-presbiterju u l-kor b'irħam fuq disinn ta' **Luigi Engerer.** Fuq il-fontispizju tal-faċċata naraw bust tal-bronż li juri lil Ġesù Kristu u li sar fuq disinn ta' **Antoine Agius** tal-Birgu.

Bħal ma tistgħu taraw fost dawn li semmejna nsibu wħud mill-aqwa ismijiet ta' nies magħrufin fil-qasam ta' l-arti f'pajjiżna. Bix-xogħol tagħhom żejnu din il-knisja u poġġewha minn ta' quddiem għall-mertu ta' kollezzjoni ta' arti sagra li tiġbor fiha. Jalla fil-futur nibqgħu ngħożżu dan il-patrimonju li nsibu fil-knejjes tagħna u nibqgħu nindukrawh u nieħdu ħsiebu biex bħal ma' gawdejnieh aħna jkunu jistgħu jgawduh il-ġenerazzjonijiet futuri.

***Is-Soċjetà Sant'Andrija tkompli tħeġġeġ lill-poplu ta' Ħal Lija jkompli jikkontribwixxi bi ħġaru għall-ispejjeż tar-restawr estensiv li qed isir fil-Knisja Parrokkjali tagħna.***